MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 828/1988/1

**Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u bhala President u Vici-President rispettivament tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited**

**v.**

**Emanuel A. Bonello f'ismu proprju u bhala Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u tal-Kumpanija Malta & Europe Hotels Limited u b'nota tat-2 ta' Gunju 2003 "Gatt, Galea & Co" qed jassumu l-atti tal-kawza minflok**

**il-Kontrollur precedenti Emanuel A Bonello bhala Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u tal-Kumpanija Malta & Europe Hotels Limited**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Awissu, 1986 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-atturi nomine ppremettew illi huma azzjonisti u kredituri sostanzjali kemm tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited kif ukoll ta' diversi kumpaniji assocjati fosthom Malta & Europe Hotels Limited, Finindustry Limited, Finexport Limited, M.I.D.C. Limited u Universal Investments Company Limited; u billi fil-21 ta' Dicembru, 1984, Emanuel Bonello gie nominat Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited minflok Dottor Carmelo Mifsud Bonnici; u peress illi fil-5 ta' Novembru, 1985 skond avviz legali numru 654 il-Ministru tal-Finanzi, bis-sahha tas-setghat moghtija lilu taht l-Artikolu 18 ta' l-Att ta' 1970 dwar il-Kummerc Bankarju, wara konsultazzjonijiet mal-Bank Centrali ta' Malta innomina lis-sur Emanuel Bonello biex jassumi s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kontemplati taht l-Artikolu 18 ta' l-Att ta' 1970 dwar il-Kummerc Bankarju, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra fil-kumpaniji Malta & Europe Hotels Limited, Finindustry Limited, M.I.D.C. Limited u Universal Investment Company Limited fost ohrajn; u peress illi jirrizulta illi Emanuel Bonello ghandu "de facto" l-amministrazzjoni tal-lukanda Grand Hotel Excelsior li hija proprjeta` tal-Malta & Europe Hotels Limited ghalkemm is-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited kienet tat b'titolu ta' lokazzjoni l-Grand Hotel Excelsior lis-socjeta` Pabros Limited skond skrittura tat-2 ta' Dicembru, 1970, u peress illi s-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited ghandha overdraft mal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited ta' madwar sitt mitt elf liri Maltin (LM600,000) kompriz l-imghax; u peress illi l-kumpaniji assocjati tal-Bank of Industry Commerce & Agriculture Limited u fosthom Finindustry Limited, Finexport Limited, Universal Investments Company

Limited, M.I.D.C. Limited, Dolphin Builders Limited, Marsa Plastics Limited li qabel kienet maghrufa bhala Jablo Plastics Limited, John Bezzina & Sons Limited, Harris Hughes & Johns Limited, Tradefin Limited u Marsa Industries Limited ghandhom jiehdu minghand il-Malta & Europe Hotels Limited komplessivament aktar minn miljun u mitt elf liri Maltin (LM1,100,000) komprizi l-imghax relattivi, dovuti bhala self u xogholijiet ta’ kostruzzjoni ta’ bini, mobbli u arredamenti, materjal u servizzi provduti, u peress illi l-attur Cecil Pace u Henry Pace f’isimhom proprju u bhala cessjonarji tas-socjeta` Gus Export International Limited ghandhom jiehdu minghand is-socjeta` Malta & Europe Hotels Limited kompriz l-imghax aktar minn erba’ mija u hamsin elf liri Maltin (LM450,000); u peress illi ghalkemm lukandi ohrajn ta’ l-istess kategorija gew maghluqa parzjalment u l-haddiema li jahdmu f’uhud minn dawn il-lukandi, fosthom il-Corinthia Palace Hotel, il-Malta Hilton Hotel, il-Phoenicia Hotel u d-Dragonara Hotel, qed jahdmu gimgha mnaqqsa ta’ erbat ijiem jew anqas kif ukoll in-numru tal-haddiema giet imnaqqsa minhabba s-sitwazzjoni fil-qasam ta’ l-industrija tat-turizmu, u skond dikjarazzjoni tal-Ministru tat-Turizmu dawn il-lukandi qieghdin illum joffru akkomodazzjoni b’nofs prezz jew ferm anqas mir-rati stabbiliti, madankollu il-konvenut Emanuel Bonello zamm il-lukanda Grand Hotel Excelsior miftuha kollha kif ukoll zamm numru kbir ta’ impjegati minghajr ma naqqas il-granet tax-xoghol nonostante il-fatt li l-lukanda ilha kwazi vojta ghal zmien twil anki fl-eqqel ta’ l-istagun turistiku tas-sajf bi ftit jew xejn dhul ta’ flus; u peress illi bhala rizultat ta’ l-amministrazzjoni negligenti ta’ Emanuel Bonello l-lukanda Grand Hotel Excelsior tilfet mijiet ta’ eluf ta’ liri Maltin u ghada qed titlef aktar minn elf lira Maltija (LM1,000) kuljum ghad-detriment kbir ta’ l-atturi kif ukoll tal-kredituri taghhom; u peress illi dan l-agir tal-konvenut Emanuel Bonello huwa nuqqas serju tad-diligenza li tezigi l-ligi mill-amministratur qieghed jikkaguna danni konsiderevoli kemm lill-atturi kif ukoll lill-kredituri taghhom u tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u l-kumpaniji assocjati, u qieghed jipperikola serjament l-impieg ahhari ta’ l-istess impjegati tal-lukanda; u peress illi l-atturi gia interpellaw lill-konvenut Emanuel Bonello, permezz ta’

protest gudizzjarju, biex jiehu l-mizuri kollha mehtiega biex inaqqas it-telf ta’ eluf kbar ta’ liri kuljum u l-konvenut xjentement naqas milli jaghmel dan; u peress illi l-konvenut Emanuel Bonello proprio et nomine huwa responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet; u peress illi n-nomina tal-konvenut Emanuel Bonello bhala Kontrollur saret proprju biex jissalvagwardja l-interessi tad-depozitanti, il-kredituri u l-azzjonisti tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u kumpaniji assocjati, fosthom il-Malta & Europe Hotels Limited mentri fil-fatt il-konvenut qieghed minflok ikattar l-attiv bhal ma hu dover tieghu li jaghmel, qieghed jipregudika serjament lill-atturi u lill-kredituri taghhom u qieghed ghal ta’ l-apposta jipprova manifestament igib fix-xejn l-assi ta’ l-atturi u tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited ghad-detriment tad-depozitanti u tal-kredituri kollha;
Dan premess l-atturi proprio et nomine talbu li dik il-Qorti:-
1. tiddikjara li l-agir tal-konvenut, kif fuq imsemmi u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huwa nuqqas u ksur ta’ l-obbligi tieghu ta’ amministratur u kontrollur;

2. tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni minnu kagjonati imhabba n-nuqqas u ksur ta’ l-obbligi tieghu kif jirrizulta mill-ewwel domanda; liema danni jigu likwidati f’gudizzju separat;

3. tordna lill-konvenut biex minghajr dewmien jiehu l-mizuri kollha necessarji u opportuni fic-cirkostanzi, dwar il-gestjoni tal-lukanda Grand Hotel Excelsior biex jelimina u/jew inaqqas it-telf tal-gestjoni, liema mizuri jistghu jinkludu l-gheluq (totali jew parzjali) tal-lukanda, u r-riduzzjoni (fin-numru jew fil-granet tax-xoghol) ta’ l-impjegati;

4. tordna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju jipprezenta rendikont dettaljat tal-gestjoni u amministrazzjoni tal-Lukanda Grand Hotel Excelsior.

Bl-ispejjez, minghajr pregudizzju u b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra kontra l-konvenut proprio et nomine li jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fl-20 ta’ Ottubru, 1986 il-konvenut eccepixxa:-
1. Illi din il-Qorti hija nkompetenti tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza ratione materiae stante illi il-meritu tal-kawza huwa wiehed prettament kummercjali.

2. Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

B’sentenza preliminari tal-14 ta’ Ottubru, 1987 l-eccezzjoni ta’ inkompetenza *ratione materiae* giet milqugha u l-atti gew mibghuta quddiem din il-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 778(1) tal-Kap 12, sabiex jigi determinat liema qorti kienet kompetenti tiehu konjizzjoni tal-kawza.

B’sentenza ta’ din il-Qorti, kif diversament komposta, moghtija fl-14 ta’ Lulju, 1988 gie definittivament stabbilit li kienet l-allura Qorti tal-Kummerc li kellha tiehu konjizzjoni tal-kawza u ghalhekk l-atti gew mibghuta lil dik il-Qorti sabiex tkompli titratta dwar il-kawza fuq l-istess atti.

Fl-udjenza tal-25 ta’ Novembru, 1988 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, il-konvenut gie ordnat li jissostiwixxi n-nota ta’ l-eccezzjonijiet
“*b’wahda li ghandha tirrispondi dettaljatament para per para id-dikjarazzjoni ta’ l-attur li qieghda fil-fol 3 sa 5 tal-process.*”

Konsegwentement fil-15 ta’ Dicembru, 1988 giet pprezentata s-segwenti nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri:-
1. Illi t-talbiet attrici, kif minnu formulati ma jistghux jigu akkolti u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi, abbazi tal-Banking Act 1970, il-legittimu kontradittur ta’ l-esponenti mhumiex l-atturi izda, se mai, il-Ministru tal-Finanzi, li bil-poteri li tghatih l-imsemmija ligi, hatar lill-esponenti bhala Kontrollur. Fil-fatt l-atturi kienu ezawtorati mill-funzjonijiet taghhom u ma ghandhomx dritt jippromwovu l-azzjoni odjerna.

2. Bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ma jistghux u ma ghandhom ebda dritt fil-ligi u taht il-provvedimenti ta’ l-

Att Bankarju tal-1970, jippretendu mill-konvenut dak minnhom mitlub.
3. Lanqas ma jistghu l-atturi jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ta' danni minghajr l-icken prova ta' nuqqas u ksur ta' l-obbligi tieghu ta' kontrollur.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni ta' l-atturi hija ghal kollox intempestiva stante li l-funzjonijiet u d-dmirijiet esercitati mill-konvenut qeghdin u ghad iridu jitkomplew, jigu ezercitati sakemm l-inkarigu tieghu jigi kompletat skond il-ligi dwar il-kummerc bankarju.

5. Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess l-esponenti qeda dmirijietu fedelment u kif titlob il-ligi u ghalhekk ma hemm ebda nuqqasijiet jew ksur taghhom. In ogni caso huwa nkoncepibbli li wiehed jitlob l-gheluq totali jew parzjali tal-lukanda u riduzzjoni ta' l-impjegati jew tal-hin taghhom, partikolarment f'dan il-perjodu ta' boom turistiku.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija mill-allura Qorti tal-Kummerc fis-6 ta'Marzu 1990, il-Qorti fl-ewwel lok cahdet it-talba attrici kontenuta fir-rikors tad-9 ta' Novembru 1989 ghaz-zieda fl-"occhio" tal-kawza bil-kliem "… u Cecil Pace bhala Direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` M.I.D.C. Limited" imbaghad dik il-Qorti kompliet biex illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu rriteniet li dan m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma l-atturi in kwantu huwa Kontrollur tal-BICAL. L-Ewwel Qorti ghalhekk iddecidiet li l-atturi m'ghandhomx id-dritt ghall-azzjoni li pproponew. Izda fic-cirkostanzi anormali, difficli u novelli dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:-

**(Dwar ir-rikors tad-9 ta' Novembru, 1989.)**

*"Dan ir-rikors sar meta l-partijiet kienu ttrattaw ampjament l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut u ppresentaw diversi u ezawrjenti noti ta' osservazzjonijiet.*

*"Il-konvenut oppona din it-talba fuq il-motivi illi din ma kienitx korrezzjoni izda addizzjoni billi kienet qed tizdied persuna ohra fost l-atturi u ghaliex din mhiex konsentita mill-ligi fl-istat avvanzat li fih waslet il-kawza.*

*"M'hemmx dubbju li t-talba ta' Cecil Pace qed issir biex is-socjeta M.I.D.C. Limited tidhol bhala attrici fil-kawza. Il-ligi tippermetti li jizdiedu atturi fil-kazijiet ta' mewt ta' l-attur meta l-eredi li jkomplu l-kawza jkunu aktar minn wiehed. Imma dawn jidhlu ghaliex jakkwistaw minghand l-awtur taghhom - ma' l-eredita` - id-dritt ta' azzjoni. Altrimenti l-ligi tippermetti zieda fil-partijiet fil-kawza – minn naha biss tal-konvenuti u dan permezz ta' l-istituti tal-kjamata u l-intervent fil-kawza. U certament Cecil Pace fil-kawlita` li semma fin-nota tieghu, ma jistax jigi annoverat mal-konvenuti."*

**(Dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.)**
*"L-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut jistghu jigu konsiderati flimkien. L-ewwel wahda topponi li l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur u li dan, se mai, huwa l-Ministru tal-Finanzi; u t-tieni li l-atturi ma jistghux u m'ghandhom ebda dritt jippretendu mill-konvenut dak li minnhom huwa mitlub.*

*"Dawn it-tnejn jistghu jigu prattikament allineati – dejjem ghas-semplifikazzjoni u kjarezza – biex il-Qorti tezamina jekk fil-fatt bejn l-atturi u l-konvenut hemmx jew le relazzjoni guridika tali li tista' sservi ta' bazi ghall-azzjoni guridika li ezercitaw, billi dik ir-relazzjoni hija kundizzjoni 'sine qua non' ghal kull azzjoni.*

"*Il-kunsiderazzjonijiet rilevanti huma dawn:-*

"*L-atturi iddiskrivew ruhhom bhala l-President u l-Vici-President tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture (BICAL) u donnhom jippretendu li din il-kwalita` jew kwalifika taghhom taghtihom id-dritt ghall-azzjoni li qed jezercitaw.*

*“Issa l-ligi imsemmija – tal-Kummerc Bankarju – ma tippermettilhomx li huma, f’din il-kawza – jkollhom, u wisq anqas jezercitaw, - xi kwalita` ta’ drittijiet, li huma konnessi <u>b’xi mod</u> ma dawk il-karigi li minnhom, il-Ministru tal-Finanzi – kif awtorizzat mill-istess ligi – ezawtorhom malli nnomina lill-Kontrollur ta’ allura Dr. Carmelo Mifsud Bonnici. Ghalhekk inkwantu l-azzjoni ta’ l-atturi f’dik il-kwalita` cioe bhal President u Vici President, rispettivament, tal-BICAL ma hix ammissibbli, ghaliex dawk il-karigi wara n-nomina tal-Kontrollur gew smontati minn kull dritt inkluz kull dritt ta’ azzjoni li setgha kellhom bis-sahha ta’ dawk il-karigi.*

*“F’isimhom proprju – Cecil u Henry Pace – qeghdin jagixxu bhala azzjonisti tal-BICAL – kif jidher mid-dokument AA rilaxxjat mir-Registratur tas-Socjetajiet. In parentesi, hawnhekk, ghandu jinghad, illi l-atturi abbuzaw li qabdu , u minghajr il-permess tal-Qorti – esibew – estratti minn dokumenti u mhux id-dokumenti shah – kif ghamlu fid-dokumenti AA u BB – u l-Qorti qeda tkun indulgenti u ma tisfilzaxx l-istess dokumenti semplicement ghaliex ir-rilevanza tad-dokumenti mhux deciziva, u il-fatti fil-kaz huma notorji u l-kawza issa ilha pendenti ghal aktar minn tlett snin u ghandha tigi konkjuza kemm jista` jkun malajr.*

*“Intant – kif kien qed jinghad – l-atturi qed jippretendu li jazzjonaw lill-konvenut inkwantu huma azzjonisti tal-BICAL.*

*“Il-Kontrollur tal-BICAL li ghandu migburin f’idejh id-drittijiet kollha tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank, ta’ kull direttur u tal-Bank kollu; infatti, gie nominat ghal din il-kariga mill-Ministru tal-Finanzi. Dan id-dritt ta’ nomina li jimportaw dawk il-poteri kien ta’ l-azzjonisti, <u>sal-mument</u> li dawk id-drittijiet ta’ l-azzjonijiet gew sospizi bl-editt tal-Ministru kif awtorizzat mill-istess ligi dwar il-Kummerc Bankarju. U dan jnizzel il-konsegwenza li bejn l-azzjonisti, kif inhuma l-atturi, u l-Kontrollur konvenut, m’hemmx dik ir-relazzjoni guridika, li tinholoq fis-socjetajiet anonimi – bejn l-azzjonisti u l-Bord tad-Diretturi li huma jinnominaw u li jiddelegaw bil-poteri ta’ l-amministrazzjoni tas-Socjeta`*

*skond l-istatut tas-Socjeta`; liema nomini u statuti johoqu vinkolu guridiku, u relazzjonijiet guridici, bejn il-Bord, id-Diretturi u l-azzjonisti – dejjem fl-ambitu ta' l-istatut tas-socjeta` u r-regolamentazzjoni ta' l-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali.*

*"Dan il-vinkolu – bejn il-konvenut u l-atturi bhala azzjonisti – f'din il-kawza, ma jezistix. Huma ma ddelegawhx, ma nnominawhx amministratur, ma tawh ebda mandat x'jesegwixxi, ma ikkuntrattawhx biex jirrendilhom jew jipprestalhom servizzi professjonali, jew ta' xogholijiet, kif isir mill-azzjonisti fil-konfront tad-diretturi jew amministraturi tas-socjetajiet anonimi.*

*"Kif inhwa risaput – diga hemm certi diffikultajiet u certa eccezzjonalita` f'dawk l-azzjonijiet li jistghu jigu proposti minn azzjonisti individwali kontra diretturi partikolari kif ukoll kontra l-Bord kollu:- u dan f'cirkostanzi u sitwazzjonijiet normali. Dan ghaliex bejn l-azzjonisti ordinarji u d-direttur jew diretturi – ir-relazzjoni guridika hija ndiretta u mhux diretta – kif inhija dik tas-socjeta` - bhala tali, mad-diretturi singoli taghha li ghandhom jirrispondu lejha ghall-agir taghhom bhala diretturi.*

*"Hawn – qeghdin il-boghod anki minn dan it-terren diga diffikultuz.*

*"L-atturi ghamlu riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru 1989, - dokument CC fl-ismijiet Cecil Pace proprio et nomine vs Emanuel Bonello proprio et nomine, biex jaffermaw il-kapacita` taghhom li jkunu fil-kawza, pero` dik il-kapacita` u d-dritt ta' l-azzjoni lilhom hemm akkordat, twieled imhabba l-fatt li hemm hekk il-Kontrollur – fil-materja stess tal-kawza – sab ruhu li ma jistax jirrapresenta l-interessi konfliggenti ta' zewg socjetajiet, li taghhom it-tnejn, ghandu d-dritt ta' rapprezentanza, u ghalhekk principju ta' gustizzja superjuri jimponi soluzzjoni procedurali eccezzjonali biex jinstab rimedju fil-haqq, bejn zewg socjetajiet li l-Kontrollur ghandu l-obbligu li jhares l-interessi taghhom it-tnejn, u ma jistax jaghmel dan billi jinqabad fil-konflitt li huwa stess ma jistax fl-istess mument, jigguridika fuq it-tnejn – fl-*

*interess tat-tnejn. Xejn minn dan kollu ma jirrikorri f'din il-prezenti vertenza. Hawnhekk il-konflitt prospettat huwa bejn socjeta` - cioe` l-Kontrollur – u zewg azzjonisti – haga li tirrikorri piuttost spiss f'socjetajiet fejn l-azzjonisti huma numru zghir. Pero` hawn, kif intqal, l-azzjonisti m'ghandhomx d-dritt ta' azzjoni kontra l-Kontrollur ghaliex ma' dan m'ghandhom ebda relazzjoni guridika.*

.

*"Naturalment kienet din is-sentenza li pprovokat it-talba ta' Cecil Pace biex jidhol fil-kawza in rappresentanza ta' l-MIDC Limited, imma hawn, dawn il-fattispeci, huma differenti u ghalhekk l-istess principji ma jistghux jigu nvokati.*

*"Jibqa' biss li jigi konsiderat jekk l-allegazzjoni ta' agir delittwuz jew kwazi, attribwit lill-Kontrollur, jeradikax id-dritt ta' l-azzjoni. Anki hawn pero` ir-risposta hija negattiva ghaliex id-danni li dak l-agir jgib huwa lis-socjeta` BICAL u mhux lill-azzjonisti taghha – kif del resto jigri b'effett tad-delitti u kwazi delitti tad-diretturi u amministratturi f'sitwazzjonijiet ta' socjetajiet b'regia normali. L-azzjoni titwieled biss meta dak id-dannu ma jolqotx lis-Socjeta` kollha imma lill-azzjonisti jew azzjonisti partikolari biss – dejjem salv dak li ntqal rigward ir-relazzjonijiet guridici, sottostanti ghal kull azzjoni.*

*"Il-Qorti hija konxja li hemm hafna aktar x'jinghad u x'jigi investit fid-diversi ipotesijiet komplessi li, kemm is-sitwazzjonijiet normali kemm dawk anormall – bhal dik ta' din is-socjeta`, BICAL – joholqu, imma ghall-iskopijiet ta' <u>din</u> il-kawza, kif intavolata, bil-persuni li qed jiehdu parti fiha, u l-kawzali li <u>tipproponi</u>, dak li ntqal limitatament ghaliha, ghandu jikkonkludiha."*

**L-appell ta' l-atturi proprio et nomine.**

L-atturi ahwa Pace hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, sew fil-kapacita` taghhom personali, kif ukoll bhala President u Vici-President rispettivament tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited, b'rikors ippresentat fit-28 ta' Marzu, 1990 interponew appell mis-sentenza fuq imsemmija fejn

talbu li, ghar-ragunijiet minnhom hemm esposti u a bazi tal-provi fl-atti, dina l-Qorti joghgobha tannulla s-sentenza appellata tas-6 ta' Marzu, 1990 u fin-nuqqas tirriforma dik is-sentenza billi tigi revokata fejn cahdet it-talba taghhom kontenuta fir-rikors taghhom tad-9 ta' Novembru 1989 u fejn laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine u tiddecidi li l-esponenti proprio et nomine jew min minnhom ghandhom relazzjoni guridika mal-konvenut appellat Emmanuel A. Bonello f'ismu proprju u/jew bhala kontrollur tal-Malta & Europe Hotels Limited u/jew bhala kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited jew min minnhom u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti ghall-provvedimenti necessarji u kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi u/jew skond il-kas tiddecidi billi tilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat proprio u/jew nomine.

Il-konvenut Emmanuel Bonello proprio et nomine ppresenta r-risposta tieghu ghall-appell fuq imsemmi fejn, filwaqt li ssottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, kemm ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel qorti, kif ukoll ghal dawk li gew sottomessi fir-risposta, talab li t-talbiet attrici u l-appell intavolat mill-atturi proprio et nomine jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**L-aggravji ta' l-atturi appellanti.**

L-aggravji ta' l-atturi appellanti huma, in sostanza, s-segwenti:

1. In-nullita` tas-sentenza appellata stante li l-okkju tal-kawza huwa indikat hazin. Dan l-aggravju llum huwa ezawrit in kwantu fl-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2003 id-difensuri tal-partijiet qablu li *"l-okkju ta' din il-kawza ghandu jkun kif indikat minnhom fil-petizzjoni ta' l-appell u fir-risposta rispettivament."* Ghalhekk b'digriet ta' din il-Qorti moghti fl-istess udjenza giet ordnata l-korrezzjoni tas-sentenza a tenur tal-provvedimenti tas-Sub-Artikolu (2) ta' l-Artikolu 175 tal-Kap 12 u b'hekk l-okkju fis-sentenza gie jaqra kif indikat fil-petizzjoni ta' l-appell. Jigi rilevat ukoll li f'dik l-okkazzjoni din il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tar-rikors ta' l-appell billi d-data tas-sentenza

appellata giet taqra "it-Tlieta 6 ta' Marzu 1990" mhux kif erroneament indikat fl-istess rikors. B'dan il-pregudizzjali sollevata mill-konvenut fir-risposta tieghu dwar in-nullita` ta' l-appell ta' l-atturi giet ghalhekk sorvolata.

2. Illi c-cahda tat-talba kontenuta fir-rikors ta' l-atturi tad-9 ta' Novembru 1989 hija zbaljata billi skond l-Artikolu 175 (1) tal-Kap 12 "*il-Qorti tista' fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, sakemm tinghata s-sentenza, tippermetti iz-zieda ta' l-isem ta' kwalsiasi parti.*"

3. Illi l-ewwel Qorti ma tatx piz ghas-sottomissjonijiet rigwardanti l-konflitt ta' interess tal-konvenut li ghandu l-kontroll ta' zewg socjetajiet, liema konflitt jirradika d-dritt ta' azzjoni ghad-danni tal-"minority shareholders" bhala parti interessata, meta jigi allegat jew jirrizulta li l-istess konvenut naqas li jagixxi "uti bonus pater familias".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Dwar ic-cahda tat-talba kontenuta fir-rikors tad-9 ta' Novembru 1989.**

Qed jigi sottomess li skond l-Artikolu 175(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qorti tista` fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, sakemm tinghata s-sentenza, tippermetti z-zieda ta' l-isem ta' kwalsiasi parti. Qabel ma gie sostitwit bl-Att XXIV tal-1995 is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 175 fuq imsemmi kien jaqra hekk:

"*(1) The Court may, at any stage of the proceedings, until judgment is delivered, either of its own motion or at the request of any of the parties, order or permit any written pleading to be amended, either by adding or striking out the name of any party and substituting another name instead, or by correcting a mistake in the name or in the character of any of the parties, or any other mistake, or by causing other submissions of fact or of law to be added, even by separate note, provided that no such amendment shall affect the substance either of the action or of the defence.*"

Minn qari akkurat ta' dan is-subartikolu jidher li meta l-legislatur introduca dan l-artikolu fil-Kodici ta' Procedura l-

intenzjoni kienet principalment li jghati kull possibilita` lill-Qorti li ssalva l-azzjoni li tkun giet proposta billi tawtorizza kull "**korrezzjoni**" li tkun mehtiega fl-att promotur biex b'hekk is-sentenza finali jkollha l-effett mehtieg bejn l-partijiet propju in kawza. Dan l-artikolu, pero` ma kienx intiz biex jippermetti li jiddahhlu fil-kawza partijiet godda oltre dawk li kienu intizi fil-proceduri kif originarjament intavolati. Dan jista` jsir biss, kif korrettement osservat l-ewwel Qorti, permezz ta' l-istitut tal-kjamata in kawza jew bl-intervent *in statu et terminis*, li huma mezzi biex jizdiedu l-partijiet fil-kawza ghall-fini ta' l-integrita` tal-gudizzju. Jidher ukoll li s-sub-artikolu fuq citat mhux intiz biex jaghti 'mano libera' lill-gudikant jew lill-partijiet fir-rigward tal-korrezzjonijiet mitluba in kwantu huwa provdut li "*no such amendment shall affect the substance either of the action or of the defence."* L-introduzzjoni ta' parti gdida fil-proceduri, kif qed jitolbu l-atturi, certament tmur kontra dan il-proviso billi, anke kif jidher mir-rikors ta' l-appell, qed jinghad li s-socjeta` M.I.D.C. Limited ghandha relazzjoni guridika mal-konvenut kemm fil-vesti tieghu personali kif ukoll bhala Kontrollur tal-Malta & Europe Hotels Limited. Din l-allegazzjoni tisposta il-linja ta' azzjoni kif intavolata mill-atturi u certament teffettwa d-difiza tal-konvenut proprio et nomine billi, f'kaz li tigi ammessa t-talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, l-istess konvenut jigi rinfaccjat b'sitwazzjoni legali differenti minn dik prospettata fit-talba originali. Dan l-aggravju ghalhekk mhux ammess u qed jigi respint.

**Dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.**

Dawn il-proceduri gew istitwiti mill-atturi ahwa Pace sew fil-vesti taghhom *qua* President u Vici President rispettivament tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited kif ukoll, in kwantu azzjonisti ta' l-istess socjeta`, fil-vesti taghhom personali. Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti rriteniet li in kwantu l-Ministru tal-Finanzi bil-hatra tal-Kontrollur – kif awtorizzat bil-Ligi tal-Kummerc Bankarju - xejjen id-dritt ta' l-atturi li jezercitaw xi kwalita` ta' drittijiet fil-vesti taghhom *qua* President u Vici President tal-B.I.C.A.L., l-azzjoni ta' l-atturi fil-kwalita` imsemmija "*ma hix ammissibbli, ghaliex dawk il-karigi*

*wara in-nomina tal-Kontrollur gew smontati minn kull dritt inkluz kull dritt ta' azzjoni li setgha kellhom bis-sahha ta' dawk il-karigi.*" Din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti in kwantu jidher car mil-Artikolu 18 ta' l-Att V ta' l-1970 dwar il-Kummerc Bankarju (l-allura Kap. 215) li l-Kontrollur hekk mahtur jassumi l-kontroll u t-tmexxija tal-kummerc tal-bank u jiehu f'idejh l-attiv ta' l-istess bank sabiex jigu salvagwardati l-interessi tad-depozitanti, tal-kredituri u ta' l-azzjonisti ta' l-istess bank. Effettivament ghalhekk il-hatra tal-Kontrollur iggib fix-xejn dawk il-jeddijiet gja ezercitati mill-President u Vici President tal-Bank, kif ukoll tad-diretturi jew Bord tad-Diretturi ta' l-istess Bank.

L-atturi appellanti, pero` qed jagixxu wkoll fil-kapacita` taghhom personali in kwantu jirritjenu li l-konvenut naqas mill-obbligi tieghu ta' amministratur u kontrollur ta' l-imsemmi bank, u liema nuqqasjiet rrekaw danni lil dik is-socjeta` u li konsegwentement huma, *qua* azzjonisti u kredituri ta' l-stess bank, ghandhom interess li jaraw li l-istess kontrollur jaghmel tajjeb ghad-danni lilhom hekk kagunati.

L-ewwel Qorti osservat li l-hatra tal-Kontrollur saret mill-Ministru tal-Finanzi a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Ligi dwar il-Kummerc Bankarju u li bhala tali ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-azzjonisti tal-Bank u l-istess Kontrollur inkwantu ma jezisti ebda vinkolu bejn l-azzjonisti u l-Kontrollur bhal dak li jinholoq f'socjetajiet anonimi fejn id-diretturi jigu mahtura u ddelegati mill-istess azzjonisti biex imexxu, f'isimhom, l-azjenda. Inoltre l-ewwel Qorti irriteniet ukoll li ma jista' jkun hemm ebda dritt ta' azzjoni ghall-atturi minhabba l-allegazzjoni ta' agir delittwuz jew kwazi, attribwit lill-Kontrollur u dana, skond l-ewwel Qorti,
"*ghaliex id-dannu li dak l-agir igib huwa lis-socjeta` BICAL u mhux lill-azzjonisti taghha …..*"

Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proceduri gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun

jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq. (ara ***Anna Attard et noe. v. Rev. Patri Serafin Abela noe et***, Prim Awla, 12 ta' Dicembru, 2001). Fl-assenza ta' dan r-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsewgenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur.

Issa fil-kaz in ezami mhux ikkonestat li l-atturi huma azzjonisti kif ukoll kredituri, ghalkemm f'ammont indeterminat, tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited. Il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 18 ta' l-Att V ta' l-1970 kien jipprovdi li "Jekk, minn xi rapport maghmul skond l-artikolu 16 ta' dan l-Att, ikun jidher lill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, illi l-bank ikun qed imexxi l-kummerc tieghu b'mod li jaghmel hsara lill-interessi tad-depozitanti jew tal-kredituri, jew illi ghandu attiv insufficjenti ……….. il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, jipprocedi b'xi wiehed jew izjed mill-modi li gejjin:- (c) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-attiv tal-bank jew xi parti minnu sabiex jigu salvagwardati l-interessi tad-depozitanti, tal-kredituri u ta' l-azzjonisti tal-bank." (sottolinear ta' din il-Qorti). Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 18 kien jipprovdi wkoll li jekk dik il-persuna tkun nominata skond il-paragrafu (c) fuq imsemmi l-bank ghandu jikkonsenjala l-attiv kollu li ghandha tiehu f'idejha u s-setghat kollha tal-bank relattivi ghal dak l-attiv ikun ezercitabbli minnha b'eskluzzjoni tal-bank. Minn dan naraw li l-mal-hatra tal-kontrollur dan isir amministrattur "plenipotenzjarju" ta' dak kollu li jikkoncerna l-gestjoni ta' dik l-entita` maghrufa bhala bank u bhala tali jissostitwixxi lill-istess bank billi f'dik il-kariga jassumi l-poteri kollha li l-gestjoni ta' l-istess tikkonferixxi, f'cirkostanzi normali, lill-Bord tad-Diretturi ta' l-istess bank. Kien ghalhekk, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar id-dritt ta' azzjoni ta' l-atturi nomine, li d-diretturi ossia l-President u l-Vici President tal-Bank jitilfu kull dritt ta' azzjoni billi dawk il-karigi issa jkunu assorbiti mill-istess Kontrollur.

Sfortunatament il-Ligi dwar il-Kummerc Bankarju tieqaf hawn fir-rigward tal-poteri u l-obbligi tal-Kontrollur. Jidher li darba ssir l-hatra ta’ l-istess Kontrollur, kif qed jigi sottomess mill-istess konvenut appellat, ma hemm ebda mod kif dan jigi kontrollat jew regolat fil-gestjoni u tmexxija tal-bank li issa jkun assuma l-personalita` tieghu. Il-mistoqsija li taghmel din il-Qorti f’dan l-istadju hija “who controls the controller?” ghax jekk il-kredituri u l-azzjonisti li, wara kollox, huma l-partijiet l-aktar interessati fit-tmexxija ghaqlija ta’ l-intrapriza, m’ghandhomx dritt li jagixxu kontra l-istess Kontrollur anke jekk jallegaw li l-amministrazzjoni tieghu tkun ta' dannu ghall-interessi taghhom, min ser jiehu l-briga li jistitwixxi il-proceduri sabiex jigu salvagwardati dawn id-drittijiet? F'dan is-sens din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb ta’ l-ewwel Qorti fejn jinghad li gia la darba d-dannu li dak l-agir (tal-kontrollur) jkun kagunat lis-socjeta` u mhux lill-azzjonisti, ma hemmx dritt ta’ azzjoni, u dana mhux biss minhabba l-fatt li fl-ahhar minn l-ahhar huma l-azzjonisti *qua* proprjetarji fil-kwoti rispettivi taghhom ta’ l-istess azjenda, li jgawdu jew jbatu mit-tmexxija tajba jew hazina ta’ l-istess azjenda, izda wkoll billi kif jirrizulta mill-istess subartikolu (c) ta’ l-Artikolu 18 fuq citat, l-istess kontrollur jinhatar principalment fl-interess tad-depozitanti, tal-kredituri <u>u ta’ l-azzjonisti tal-bank</u>. Dawn ghalhekk certament ghandhom ikollhom, bhala regola generali, dritt ta’ azzjoni kontra l-istess kontrollur jekk jidhrilhom li bl-agir tieghu huma qed jigu pregudikati.

Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fil-parti konkluzziva tas-sentenza dawn huma “cirkostanzi anormali, difficli u novelli”; kien ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti opportun li tigi epurata bl-aktar mod rigoruz il-posizzjoni tal-Kontrollur sabiex jigi determinat jekk verament hemmx dritt ta’ azzjoni jew le. Infatti din il-Qorti tifhem li, bhala regola, il-posizzjoni tal-Kontrollur ghandha tkun komparata ma dik ta’ amministratur ta’ beni ta’ haddiehor; mhux talli hekk, talli dik l-amministrazzjoni tikkonferixxi fuq l-istess kontrollur poteri l-aktar ampji b’mod li dan jista’, anke kontra l-volonta` ta’ sid il-haga, jiddisponi mill-proprjeta` taghha u jaghmel mill-introitu hekk percepit dak li, fil-

fehma tieghu, pero' mhux necessarjament fil-fehma ta' sid il-haga, ikun l-aktar opportun. Issa huwa ben risaput li min jiehu hsieb hwejjeg haddiehor iwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz izda ukoll ghall-negligenza fl-ezekuzzjoni ta' dak li jkun gie afdat li jaghmel. Din ir-responsabbilita` hija aktar severa meta, bhal fil-kaz in ezami, l-istess amministratur ikun ser jithallas tax-xoghol tieghu.

Illi din il-Qorti tara opportun ukoll li taghmel paragun bejn il-hatra ta' Kontrollur u l-hatra ta' tutur ghall-persuni mhux kapaci li jikkuntrattaw. Fil-kaz ta' tutur ghall-persuna inkapaci huwa mistenni li qabel ma t-tutur jidhol fid-dmirijiet tieghu, il-persuna hekk mahtura ghandha mhux biss taghmel inventarju ta' l-assi li tkun ser tamministra izda wkoll huwa rikjest minnha li tobbliga ruhha, b'ipoteka ta' hwejjigha sas-somma li tigi stabbilita, li tamministra sewwa u bil-haqq il-gid tal-minuri u li taghti, meta tispicca t-tutela, kont sewwa u fidili ta' l-amministrazzjoni. Fil-kaz ta' Kontrollur mahtur a tenur ta' l-Artikolu 18 ta' l-Att V tan-1970 jidher li dan la hu rikjest jaghmel inventarju u anqas u anqas hu rikjest li jiskrivi ipoteka 'per bene amministrare' ghalkemm huwa ovvju li fil-kaz tal-Kontrollur l-assi u l-interessi huma ferm akbar.  Il-Qorti, pero', trid taghmilha cara li ma hi qed tippronunzja ruhha b'ebda mod dwar l-applikabilita' o meno ta' l-Artikolu 16 tal-Kap. 383 ghall-kaz *de quo*; dak li qed jigi deciz, in parti, f'din is-sentenza hu li l-konvenut kien u ghadu legittimu kontradittur.

Ghar-ragunijet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell interpost mill-atturi proprio et nomine billi fl-ewwel lok tichdu in kwantu dan jikkoncerna r-revoka tal-provvediment dwar it-talba kontenuta fir-rikors ta' l-atturi tad-9 ta' Novembru, 1989; tichad ukoll l-istess appell in kwantu dan jikkoncerna t-talba ta' l-atturi fil-vesti taghhom ta' President u Vici-President tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited in kwantu dawn ma ghandhomx dritt ta' azzjoni kontra l-konvenut f'din il-kapacita`; tilqa' pero` l-istess appell in kwantu dan huwa indirizzat lejn ir-revoka tas-sentenza appellata fejn gie ritenut li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi proprio u l-konvenut u ghalhekk l-istess konvenut gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi tilqa' l-istess

appell u tiddikjara li l-atturi proprio *qua* azzjonisti u kredituri ta’ l-istess bank ghandhom dritt ta’ azzjoni kontra l-konvenut u ghalhekk tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tghaddi biex tiddeciedi fuq il-meritu ta’ l-azzjoni wara li tisma’ l-provi opportuni.
L-ispejjez fic-cirkostanzi, kemm dawk tal-prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------